XEWKIJA

*MINUTI*
*KUNSILL LOKALI XEWKIJA*
*LAQGĦA NRU 428*
*IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 56*
*L-Erbgħa 10 ta' Awwissu, 2011*

*Il-Membri tal-Kunsill tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-6.15pm.*

| | |
|---|---|
| *Preżenti:* | *Dr. Monica Vella - Sindku* |
| | *Mr. Joseph Vella - Viċi Sindku* |
| | *Mr. Teddy Mizzi* |
| | *Dr. Marthese Portelli* |
| | *Mr Hubert Saliba* |
| *Uffiċjali:* | *Mr. Ruben Cassar* |

*Intqalet it-talba.*

*Il-Minuti tal-Laqgħat Numri 427 kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħala moqrija u ġew approvati unanimament.*

**1. Mill-Minuti tal-Laqgħa Nru 427**

**Paragrafu 3 viii – Materja oħra:** Dwar l-ilment li sar minn Esther Bajada ta' 86 Triq San Bert dwar problema tal-ilma tax-xita, is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li hija kienet marret fuq il-post u qalet li t-triq tidher li niżlet wara li kien sar xi servizz taħt l-art (tal-ilma jew drenaġġ). Is-Sindku qed tipproponi li din il-parti tista' titqaxxar u tingħata t-tarmak mill-ġdid peress li din mhix problema ta' livellar bħal kumplament tal-problemi li hemm fl-istess triq. Is-Sindku pproponiet ukoll li għandna nieħdu l-parir tal-perit biex naraw kif l-aħjar li jista' jsir ix-xogħol. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku.

**2. Il-Kunsill approva li jsiru l-ħlasijiet kif imniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 6-43**

**3. Attivitajiet fl-okkażjoni tal-Festa tal-Martirju ta' San Ġwann il-Battista**

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul il-programm ta' attivitajiet li se jiġu organizzati fl-okkażjoni tal-Festa tal-Martirju ta' San Ġwann il-Battista. L-Arċipriet informa lill-Kunsill bl-attivitajiet li ser isiru minn naħa tal-Knisja biex b'hekk inkunu nistgħu nikkordinaw flimkien dawn l-attivitajiet. Teatru Giovanni nfurmaw lill-Kunsill li għal din is-sena mhux ser ikun possibbli li jtellgħu dramm. Minn naħa tagħhom is-Soċjeta Fil. Prekursur infurmaw lill-Kunsill li se jagħmlu marċ nhar it-Tnejn 29 ta' Awwissu u li jkun jibda minn Triq Santa Katerina u jintemm fi Pjazza San Ġwann Battista. L-Għaqda tan-Nar se jorganizzaw ukoll xi logħob tan-nar. Il-Kunsill iddiskuta l-programm sħiħ ta' attivitajiet.

Il-Kunsill qabel li għandha tiġi organizzata l-wirja tal-annimali kif isir ta' kull sena. Din ser issir nhar il-Ħadd 28 ta' Awwissu filgħodu. Peress li din is-sena fi Triq Arc. Grech u Triq l-Għarus ser ikun għaddej ix-xogħol ta' kisi bit-tarmak tat-toroq imsemmija, il-Kunsill qabel li l-wirja ssir fi Triq Torri Tingi, fil-pjazzetta ta' fejn l-Uffiċċju tal-Kunsill. Ser isiru l-avviżi u x-xogħol kollu reletat biex din il-wirja tkun tista' tittella'. Il-Kunsill qabel ukoll li jorganizza l-ħuġġieġa. Din ser issir nhar it-Tnejn 29 ta' Awwissu, wara li jintemm il-marċ mis-Soċjeta Fil. Prekursur. Il-Kunsill qabel ukoll li napplikaw għall-insurance biex ikun jista' jinħaraq il-logħob tan-nar li jġib fi tmiem il-Festa tal-Martirju ta' San Ġwann il-Battista. L-insurance m'għandix taqbeż il-€250. Il-Kunsill qabel ukoll li l-Ħamis 25 ta' Awwissu għandna ssir l-ikla tradizzjonali bil-koperazzjoni tal-Għaqda tal-Armar. Il-Kunsill qabel li nieħdu ħsieb norganizzaw wirja ta' talent bis-sehem ta' Veronica u d-Dulli għal waqt din is-serata.

## 4. Proposta tat-Traffiku fi Triq Santa Katerina u Triq il-Knisja

F'dan il-ħin preżenti għal-laqgħa kien hawn Joseph Spiteri, John Cassar, Francis Haber, Mariella Xuereb u Carmel Attard. Dawn huma residenti tat-toroq imsemmija jew għandhom xi negozju fl-istess toroq. Huma ġew il-Kunsill u lmentaw dwar is-sinjali sofor li saru dan l-aħħar fl-istess inħawi. Huma qed jitolbu li s-sinjali sofor li saru minn Sqaq Nru 4 Triq Santa Katerina 'l fuq jitneħħew peress li hemm hekk huwa l-uniku post fejn wieħed jista' jipparjkja. Joseph Spiteri u Francis Haber li għandhom negozju u anke John Cassar li għandu farmhouse, nfurmaw lill-Kunsill li kemm ilhom li saru dawn is-sinjali qed jitilfu ħafna xogħol. Carmel Attard li huwa s-Segretarju tas-Soċjeta Fil. Prekursur qal li qed jaslulu ħafna lmenti simili u qed jipproponi wkoll biex jitneħħew is-sinjali sofor. Mariella Xuereb li hija residenta fi Triq il-Knisja qalet li issa għandha problema akbar ta' fejn tipparkja l-vettura tagħha u barra minn hekk issa qed jipparkjaw faċċata tal-garaxx tagħha bil-konsegwenza li ma tkunx tista' toħroġ/iddaħħal il-vettura mill-garaxx. Hija talbet biex parti mis-sinjali sofor li saru fi Triq il-Knisja jitneħħew u jsiru sinjali sofor faċċata tal-garaxx li għandha n-naħa ta' Triq Santa Katerina peress li dik il-parti tat-triq hija dejqa ħafna.

Il-Kunsill sema' u ddiskuta dwar dawn l-ilmenti u qabel li għandu jikteb ittra lill-Transport Malta sabiex is-sinjali li kienu ġew approvati minn Sqaq Nru 4 Triq Santa Katerina 'l fuq jitneħħew parti minnhom u jitneħħew ukoll parti minn ta' Triq il-Knisja.

Dwar l-istess problema kien ġie jilmenta Francis Rapa li għandu garaxx fi Triq Santa Katerina. Huwa talab biex isiru sinjali sofor faċċata tal-garaxx peress li meta jipparkjaw ma jkunx jista' jidħol/joħroġ bil-vettura mill-garaxx. Il-Kunsill qabel li napplikaw mat-Transport Malta biex tiġi approvata din il-proposta kif ukoll dwar il-proposta msemmija aktar 'l fuq ta' Mariella Xuereb.

## 5. Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa

**Mill-Korrispondenza**

i. Fabienne Grech mill-Ministeru Għal Għawdex infurmat lill-Kunsill li l-ftehim dwar iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum se jiġi mġedded. Sar xi tibdil peress li l-ispejjeż biex jitmexxa dan iċ-ċentru żdiedu speċjalment il-kontijiet tal-ilma u d-dawl. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kienu attendew għal-laqgħa li saret fil-Ministeru Għal Għawdex dwar it-tibdil propost fit-tiġdid tal-ftehim taċ-Ċentru matul il-Jum. Il-Kunsill iddiskuta dan il-ftehim u t-tibdil li sar u qabel li għandu jiffirma l-ftehim il-ġdid.

ii. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li kellha diversi diskussjonijiet ma' Transport Malta u anke għaddiet diversi korrispondenza dwar ix-xogħol ta' tarmak li qed isir fi Triq Ġuże D'Amato mill-istess Transport Malta. Din it-triq qed issir wara l-ftehim li kien sar bejn il-Kunsill u Transport Malta peress li l-istess triq se tintuża għad-devjazzjoni tat-traffiku meta jkun qed isir ix-xogħol fi Triq Mgarr. Is-Sindku qalet li hija kienet irċeviet ilmenti dwar il-livelli tat-triq u għalhekk saru kuntatti mat-Transport Malta. Minn naħa tagħhom huma bagħtu pjanta li tindika kif ser ikunu l-livelli u jidher li l-ilma tax-xita ser ikun qed jaqleb għal fuq kull naħa tat-triq (u mhux fuq naħa waħda). Fl-aħħar parti tat-triq, peress li l-ilma jrid jibqa' niżel 'l isfel, ser ikun jaqleb kollu fuq in-naħa t'isfel. Is-Sindku qalet li għandna nipproponu lill-Transport Malta biex għall-anqas f'din il-parti tat-triq jsir storm water culvert li jkun jgħaqqad ma' dak ta' Triq Mgarr. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

iii. Wasteserv Malta Ltd bagħtu ittra permezz tal-Avukat Victor Scerri dwar ammont li skond huma huwa dovut mill-Kunsill dwar rimi ta' skart. B'referenza għal din l-ittra l-AKL talbet informazzjoni lill-Kunsilli Lokali dwar kemm hi l-allokazzjoni tal-Kunsill għar-rimi ta' skart. Il-Kunsill qabel li għandna nibgħatu l-informazzjoni mitluba mill-AKL. L-AKL ser tkun qed twieġeb lill-Wasteserv Malta Ltd f'isem il-Kunsilli Lokali. Fil-fatt il-Kunsill tax-Xewkija dejjem ħallas skond l-allokazzjoni li jirċievi.

iv. Il-Kunsill ġie nfurmat li ħarġet l-applikazzjoni dwar fondi mill-iskema tal-Ministeru Għal Għawdex, Eko Għawdex. Il-Kunsill iddiskuta dwar x'hiex jista' japplika biex jieħu dawn il-fondi. Is-Sindku pproponiet li nistgħu napplikaw biex inġibu fondi biex isiru l-posti ta' nformazzjoni fil-wied ta' Mgarr ix-Xini bħala parti mill-proġett ta' Mgarr ix-Xini Regional Park. Is-Sindku pproponiet ukoll li nistgħu napplikaw għall-fondi għall-bini ta' ħitan tas-sejjieħ fi Gnien ta' Blankas. Il-Viċi Sindku ppropona li napplikaw ukoll għall-fondi biex il-ġonna pubbliċi u l-playing fields isirilhom id-dwal tagħhom bis-sistema ta' enerġija alternattiva u b'hekk innaqqsu mill-konsum tal-elettriku. Il-Kunsill qabel ma' dawn il-proposti u għalhekk fil-jiem li ġejjien is-Sindku u l-Viċi Sindku għandhom jieħdu ħsieb biex jimlew l-applikazzjoni u jġibu l-informazzjoni li jkun hemm bżonn għall-istess applikazzjoni.

v. Christopher Galea mill-Monitoring Unit tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali talab il-kummenti tal-Kunsill dwar ir-rapport tal-Awditur Ġenerali għas-sena 2009. Il-Kunsill qabel li l-kummenti diġa saru meta ġiet imwieġba l-ittra ta' Direzzjoni u għalhekk is-Sur Galea jista' jieħu l-informazzjoni minn dik l-ittra.

vi. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li dan l-aħħar saru laqgħat mal-Perit Lino Bianco dwar il-proġett tal-Ġnien ta' Blankas b'konnessjoni mal-programm M313. Il-Perit Bianco għadda pjanti tal-Interpretation Center li qed jiġi propost u anke tal-latrina pubblika li trid tinbena fl-istess inħawi. Laqgħa oħra ser issir il-Ħamis 11 ta' Awwissu u għalhekk il-membri kollha huma mitluba sabiex jattendu.

vii. L-Ing. Vince Magri, (Wasteserv Malta Ltd) informa lill-Kunsill li b'referenza għal-laqgħa li kienet saret fl-uffiċċju tagħhom mas-Sindku l-Av. Monica Vella u l-Perit Lino Bianco, huma jixtiequ aktar informazzjoni dwar il-proġett tal-Ġnien ta' Blankas. Huwa nformana wkoll li t-talba tal-Kunsill biex żewġ pots bis-siġar taż-żebbuġ jitpoġġew fil-pjazza kien ġiet approvata u għalhekk qed jistennew lill-Kunsill biex

XEWKIJA

jindika l-post fejn se jitpoġġew. Fil-fatt dwar din, il-Kunsillier Teddy Mizzi għandu jikkuntatja lil Charles Spiteri (Uffiċċjal tal-Wasteserv Ltd) biex jikkordinaw flimkien u jġibu dawn il-pots. Proposta oħra li s-Sur Magri nforma lill-Kunsill li kienet ġiet aċċettata hija dwar ir-rimi ta' skart goff li jinġabar mill-Kunsill minn għand ir-residenti tiegħu fis-Civic Amenity Site Tal-Kus. F'dan il-ħin is-Segretarju nforma lill-Kunsill li l-kuntrattur Joseph Attard kien qallu li ma jistax ikompli jagħti s-servizz għall-ġbir ta' skart goff. Il-Kunsill qabel li l-ġbir ta' skart goff jibda jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill u għalhekk issa jistgħu jibdew jeħduh fis-Civic Amenity Site. Is-Sur Magri nforma wkoll lill-Kunsill li l-proposta biex jeħlu 'dog bins' f'diversi nħawi kienet ġiet approvata wkoll u għalhekk dawn mistennija li jsiru aktar 'l quddiem.

viii. Ruben Said minn Transport Malta informa lill-Kunsill li l-proposti tal-Kunsill dwar it-transport pubbliku operat mill-Arriva qed jiġu diskussi. Il-Kunsill qabel li nitolbu l-informazzjoni lis-Sur Said biex minn naħa tagħna nibgħatu ittra ta' informazzjoni lir-residenti tagħna.

ix. Memo 66/2011 titratta dwar skema speċjali għal titjieb fil-playing fields. Din l-iskema tagħlaq fit-28 ta' Ottubru u għalhekk il-Kunsill qabel li nerġgħu niddiskutuha aktar 'l quddiem. Sadanittant kulħadd għandu iressaq il-proposti tiegħu.

x. Memo 65/2011 titratta dwar skema speċjali dwar attivitajiet. Din l-iskema tagħlaq fis-26 ta' Awwissu. Il-Kunsill qabel li għandna napplikaw biex tiġi organizzata t-tieni edizzjoni ta' Fiori D'Argenta. Il-Kunsill qabel li din l-attivita għandha ssir fi tmien il-ġimgħa 15-17 ta' Ġunju 2012. Is-Sindku se tikkordina biex din l-applikazzjoni tkun tista' ssir.

*(F'dan il-ħin it-8.35pm, il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li ma jistax ikompli jattendi għal-laqgħa u għalhekk ħareġ mill-Uffiċċju tal-Kunsill)*

xi. Memo 63/2011 titratta dwar skema speċjali għal-lokalitajiet iż-żgħar. Din l-iskema tagħlaq fis-26 ta' Awwissu. Is-Sindku pproponiet sabiex napplikaw għall-fondi biex jinbena Ċentru Ċiviku ġdid kif approvat mill-Kunsill fil-laqgħat preċedenti. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk is-Sindku se tikkordina biex din l-applikazzjoni tkun tista' ssir.

xii. Marica Axiaq infurmat lis-Sindku li l-PMP tas-Segretarju Eżekuttiv kellu jintbagħat sad-29 ta' Lulju 2011. Is-Sindku qalet li l-PMP imlietu u se ġġibu għada biex ikun jista' jintbgħat. Is-Segretarju Eżekuttiv qal ukoll li l-Appraisal Report li kellu jimtela' mis-Sindku u jintbgħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għadu lanqas sar. Is-Sindku qalet li ser iġġib kollox u jintbgħatu lid-Dipartiment.

## 6. Materja oħra

i. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li persuna li riedet tibqa' anonima lmentat dwar ħmieġ tal-klieb u anke siġra bix-xewk li hemm mal-faċċata ta' resident li joqgħod fi Triq San Ġużepp kantuniera ma' Triq Santa Marija. Il-Kunsill qabel li għandna nibgħatu ittra lil dan ir-resident fejn ninfurmawh b'dawn l-ilmenti u b'hekk jieħu ħsieb li jnaddaf meta l-klieb tiegħu iħammġu u jiżbor is-siġra.

ii. Agnes Camilleri ta' 28, Triq San Zakkarija talbet li tingħata materjal biex tirranġa l-bankina tagħha peress li tinsab fi stat ħażin. Il-Kunsill qabel li nagħtuna l-materjal li jkun hemm bżonn.

iii. John Azzopardi ta' 'Santa Marija' N.B. Triq il-Kbira, ix-Xewkija talab li jsiru sinjali sofor faċċata tal-garaxx tiegħu peress li t-triq dejqa u meta jipparkjaw ma jkunx jista' jdaħħal/joħroġ il-vettura tiegħu. Il-Kunsill qabel li napplikaw ma' Transport Malta dwar din il-proposta.

iv. Dr Kevin Mompalao li għandu post fi Triq Ein Karem kantuniera ma' Triq il-Ħelsien talab biex isiru sinjali sofor faċċata ta' Triq Ein Karem (in-naħa t'isfel biss faċċata tal-post tiegħu) peress li meta jipparkjaw, qed ikun hemm vetturi li jitilgħu fuq il-bankina bil-konsegwenza li qed jagħmlu anke ħsara mal-faċċata tad-dar tiegħu. Il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta għar-raġuni li t-triq hija wisgħa biżżejjed.

v. Josephine Xuereb Dingli ta' 22 Triq il-Knisja talbet biex il-bankina tagħha issir mill-ġdid peress li tinsab fi stat ħażin. Il-Kunsill qabel li tingħata l-materjal biex din il-bankina tkun tista' ssir.

vi. Rosaria Buttigieg ta' 24 Triq San Zakkarija talbet li ssir il-bankina tagħha mill-ġdid peress li dik li hemm fil-preżent hi magħmula bis-siment u tiżloq. Il-Kunsill qabel li nagħtuha l-materjal biex tkun tista' ssir il-bankina.

vii. Angela Spiteri ta' Triq Sant'Indrija talbet li l-bank li hemm fl-istess triq fejn il-post tagħha jitpoġġa f'post ieħor peress li qed ikun ta' inkonvenjent. Il-Kunsill qabel li dan il-bank għandu jitneħħa u jekk ikun possibbli jeħel f'xi post ieħor.

viii. L-offerta dwar it-tindif ta' toroq urbani li l-kuntrattur tagħha huwa Xewkija Tigers FC tagħlaq fil-31 ta' Awwissu 2011. Il-Kunsill qabel li din għandha tiġġedded għal sitt xhur oħra u għalhekk se tkun tagħlaq fid-29 ta' Frar 2012.

ix. Il-Kunsillier Teddy Mizzi nforma lill-Kunsill li fi Triq Sant'Indrija qed jgħaddu tractors li jintużaw għall-biedja u dawn qed iħammġu l-istess triq u ħafna drabi anke jkun hemm ħafna irwejjaħ jintnu. Il-Kunsill qabel li għandna naraw jekk jistgħux isiru tabelli biex tractors ma jgħaddux minn din it-triq.

x. Il-Kunsillier Teddy Mizzi qal li residenta li hija Josephine Dingli kienet kelmitu u lmentat dwar l-imwejjed li qed jitpoġġew quddiem il-ħanut ta' 'Youth Centre' fi Triq il-Knijsa. Il-Kunsill qabel li bħalissa m'għandux permessi li ħarġu mill-Kunsill biex jitpoġġew imwejjed fuq il-bankina. Jekk jiġu biex japplikaw biex isiru permessi għall-imwejjed fuq il-bankina, fil-permess għandu jitniżżel li jrid jitħalla l-ispazzju minn fejn wieħed ikun jista' jimxi minn fuq il-bankina. Dan għar-raġuni li kif qalet ir-residenta li lmentat mal-Kunsillier Mizzi, qed ikun perikoluż li wieħed jinżel minn fuq il-bankina u jgħaddi mit-triq peress li t-tirq hija dejqa.

xi. Il-Kunsillier Hubert Saliba ppropona sabiex isiru tabelli ta' Merħba fit-truf tar-raħal tagħna. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. Il-Kunsill qabel ukoll li għandna niktbu lill-HSBC biex naraw x'sar mit-tabella Merħba li kien hemm fi Triq Mgarr. Il-Kunsill qabel li t-tabelli l-ġodda għandhom isiru wara li jitlestew it-toroq u b'hekk jitpoġġew

mill-ewwel f'postijiet prominenti. Il-Kunsill qabel li sadanittant għandna naraw fejn jistgħu jsiru dawn it-tabelli u anke niġbru stimi.

xii. Il-Kunsillier Hubert Saliba nforma lill-Kunsill li Frans Galea li jieħu ħsieb il-website www.xewkija.net ippropona li jibda jingħata l-Premju Żagħżugħ tas-Sena. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li Frans Galea kien ġie l-Kunsill u qallu dwar il-proposta tiegħu. Huwa qed jipproponi li dan il-premju jingħata waqt il-programm li jsir fi żmien il-festa. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk aktar 'l quddiem għandna niltaqgħu biex niddiskutu kif nistgħu norganizzaw din l-attivita. Is-Sindku pproponiet li l-Premju jkun jingħata waqt l-attivita Fiori D'Argenta. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

xiii. Carmel Cauchi li għandu flats fi Triq Ħamrija talab sabiex isiru sinjali sofor quddiem il-bieb tal-flats għar-raġuni li l-bankina hija dejqa u jekk jinqala xi nċident fil-flats, stretcher ma jkunx jista' joħroġ minn ġol-flat. Il-Kunsill qabel li nitolbu l-approvazzjoni ta' Transport Malta biex is-sinjali sofor ikunu jistgħu jsiru.

xiv. Charles Persivil ta' Saphire, Triq Ħamrija, talab biex teħel mera tat-traffiku faċċata tad-dar tiegħu peress li huwa perikoluż biex jidħol/joħroġ bil-vettura tiegħu. Il-Kunsill qabel li napplikaw ma' Transport Matla dwar din il-proposta tat-traffiku.

xv. Paul Rapa ta' Graziella, Triq Majmuna, talab biex isiru sinjali sofor fi Triq Majmuna kantuniera ma' Triq Mgarr. Il-Kunsill qabel li napplikaw ma' Transport Malta dwar din il-proposta tat-traffiku.

xvi. Il-Kunsillier Hubert Saliba ppropona biex isiru sinjali sofor fi Triq San Pawl kantuniera ma' Triq San Zakkarija. Il-Kunsill qabel li napplikaw ma' Transport Malta dwar din il-proposta tat-traffiku.

xvii. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li kienet saritilha proposta biex jeħlu żewġ bankijiet faċċata tal-'Youth Center' fi Triq il-Knisja. Il-Kunsill ma' qabilx dwar din il-proposta għar-raġuni li diġa hemm bank u jekk isiru aktar bankijiet ikun hemm problema akbar ta' parking. Barra minn hekk fejn qed jiġi propost li jeħlu l-bankijiet, wieħed irid jara jekk il-post hux se jinbena fil-futur qrib.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.15pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Ġimgħa 02 ta' Settembru, 2011 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| Ruben Cassar | Av. Monica Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |